Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10272 — Utmost/Quilter International)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 210/05)

1. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Utmost Group Limited ("Utmost", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Oaktree Capital Group Holdings GP, LLC ("Oaktree", ir-Renju Unit) u Brookfield Asset Management Inc. ("Brookfield", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Quilter International Holdings u Quilter International Ireland Designated Activity Company (flimkien, "Quilter International", l-Irlanda).

Utmost takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Quilter International kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Utmost hija grupp speċjalizzat tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja. Permezz tal-kumpaniji tal-grupp tagħha, Utmost tipprovdi (i) assikurazzjoni internazzjonali fuq il-ħajja lil individwi ta' valur nett għoli u ta' valur ultra-għoli, (ii) servizzi ta' tfaddil u benefiċċji għall-impjegati, u (iii) servizzi ta' konsolidazzjoni tal-assikurazzjoni tal-ħajja fir-Renju Unit. Utmost hija kkontrollata minn Oaktree u Brookfield, li t-tnejn li huma jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi madwar id-dinja.

— Quilter International tipprovdi soluzzjonijiet transfruntiera ta' investiment tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja fir-Renju Unit, fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Amerka Latina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10272 – Utmost/Quilter International

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË